



Ngħinuk tinternazzjonalizza l-SME tiegħek

F'Novembru tal-2011, il-Kummissjoni Ewropea adottat il-Komunikazzjoni “Negozju Żgħir, Dinja Kbira — sħubija ġdida li tgħin lill-SMEs jaħtfu l-opportunitajiet globali”. Din il-Komunikazzjoni tistabbilixxi strateġija tal-UE koerenti u kosteffettiva sabiex is-**servizzi ta' appoġġ għan-negozji** jsiru aktar effettivi u effiċjenti, u tgħin lill-SMEs Ewropej jaħtfu opportunitajiet ġodda ta' negozju b'mod globali. Il-Komunikazzjoni tenfasizza wkoll l-importanza tal-kooperazzjoni transfruntiera bejn ir-raggruppamenti u n-netwerks. Dan huwa importanti għaliex bħala SME it-triq li twasslek għas-suċċess mhix waħda li timxiha waħdek, iżda teħtieġ il-kollaborazzjoni, il-kooperazzjoni strateġika tan-negozju, u n-netwerks.

Sabiex tgħinek tilħaq il-miri tal-internazzjonalizzazzjoni tiegħek, il-Kummissjoni Ewropea toffri s-servizzi ta' appoġġ li ġejjin. Barra minn hekk, iktar tard matul din is-sena se jitnieda l-portal tal-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs.

1. Il-Portal tal-Informazzjoni tal-SMEs

Bħala SMEs Ewropej, jista' jkun li ma nkunux konxji tas-servizzi ta' appoġġ għan-negozji pprovvduti mill-UE, l-Istati Membri u s-settur privat.

Il-portal tal-Informazzjoni tal-SMEs jista' jgħinek issib l-informazzjoni b'erba' modi ewlenin:

- i) Permezz tal-**programmi u l-miżuri pubbliċi tal-UE li jappoġġaw l-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs tal-UE**
- ii) Ħoloq għall-websajts taċ-**Ċentri tal-SMEs tal-UE** u l-**bażijiet tad-dejta żviluppati mid-DĠs l-oħra** bħalma hi l-Bażi tad-Dejta għall-Aċċess tas-Swieq, eċċ.
- iii) Jipprovdi indikazzjoni ċara tal-**programmi ta' appoġġ disponibbli kollha li ġew żviluppati mill-Istati Membri** u li huma miftuħa għall-SMEs rispettivi u anki għall-SMEs li joriġinaw minn pajjiżi oħra tal-UE.
- iv) Barra minn hekk, fil-portal hemm informazzjoni dwar il-**programmi rilevanti fil-25 suq ta' prijorità** disponibbli għall-SMEs tal-UE. Għandu wkoll ħoloq għal kull programm żviluppat fil-livell tal-UE/nazzjonali/reġjonali li jagħti appoġġ lill-SMEs fis-swieq ta' prijorità tal-pajjiż terz magħżul.

2. L-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs fil-Programm COSME

Il-programm COSME alloka aktar minn EUR 61 miljun għall-appoġġ tal-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs. Il-modi li bihom tista' tibbenefika minn dan il-programm huma:

- **In-Netwerk Ewropew għall-Intrapriżi (EEN)**

In-Netwerk Ewropew għall-Intrapriżi jgħin lill-SMEs Ewropej japprofittaw kemm jistgħu mhux biss mis-Suq Intern, iżda anki minn swieq li jikbru barra pajjiżhom. Dan huwa verament punt uniku ta' servizz, li jgħinek

- tiżviluppa n-negozju tiegħek fi swieq ġodda;
- tikseb jew tilliċenzja teknoloġija ġodda;
- tikseb aċċess għall-finanzi tal-UE u għall-fondi tal-UE.

Madwar 600 organizzazzjoni sħab jipprovdu servizzi madwar l-Istati Membri kollha tal-UE. Dawn l-organizzazzjonijiet jinkludu l-kmamar tal-kummerċ u l-industrija, iċ-ċentri tat-teknoloġija, l-universitajiet u l-aġenziji tal-iżvilupp. In-Netwerk Ewropew għall-Intrapriżi għandu aktar minn 3 000 membru tal-persunal bl-esperjenza u kif ukoll preżenza f'26 pajjiż terz, inklużi wħud mill-aktar ekonomiji li qed jikbru malajr fid-dinja: l-Istati Uniti tal-Amerika, ir-Russja, iċ-Ċina, l-Indja u l-Brażil.

Is-sejħa għall-proposti biex in-netwerk jiġi stabbilit skont il-programm COSME kienet ippubblikata fit-22 ta' Jannar 2014. . (<http://een.ec.europa.eu/>)

➤ **Il-helpdesks tal-IPR għaċ-Ċina u l-ASEAN u l-MERCOSUR**

Il-helpdesks tal-IPR tal-UE għaċ-Ċina u r-reġjun tal-ASEAN jipprovdu pariri għall-SMEs dwar id-drittijiet tal-proprjetà intelletwali. Il-helpdesks joffru parir espert primarju dwar kwistjonijiet relatati mal-IPR, il-kollegament ma' esperti minn barra u t-tnejn ta' taħriġ ġenerali jew speċifiku. L-SMEs tal-UE jistgħu jistaqsu direttament lill-helpdesk dwar "każijiet kunfidenzjali" wiċċ imb wiċċ, bit-telefown jew bil-feks u jirċievu risposta fil-pront u - *b'xejn*.

<http://www.china-iprhelpdesk.eu/>

<http://www.asean-iprhelpdesk.eu/>

<http://www.mercosur-iprhelpdesk.eu>

3. Iċ-Ċentri Ewropej tan-Negozju

Minbarra l-EEN, l-UE tmexxi għadd ta' **Ċentri tan-Negozju fl-Asja**, implimentati mid-DĠ DEVCO. Iċ-ċentri jgħinu lill-kumpaniji kollha tal-UE jistabbilixxu u jiżviluppaw preżenza kummerċjali fis-suq tal-pajjiż terz. Jipprovdu wkoll informazzjoni, pariri dwar is-swieq u soluzzjonijiet prattiċi dwar kif isir l-investment u tiġi stabbilita attività ta' negozju.

➤ **Iċ-Ċentru Ewropew tan-Negozju u t-Teknoloġija (EBTC) fl-Indja.**

. (<http://www.ebtc.eu/>)

➤ **Iċ-Ċentru tal-UE għall-SMEs, fiċ-Ċina**

. (<http://www.eusmecentre.org.cn/>)

(http://ec.europa.eu/delegations/china/documents/projects/eu_sme_centre.pdf)

➤ **Iċ-Ċentru Ewropew tan-Negozju tal-ASEAN (EABC) fit-Tajlandja**

(<http://www.eabc-thailand.eu/>)

- **Appoġġ għan-Negozji Ewropej fis-Swieq tax-Xlokk tal-Asja (SEBSEAM) - I-Indoneżja, il-Malażja, il-Filippini u l-Vjetnam**

Fl-2013, ġew immedija erba' azzjonijiet ta' appoġġ għan-negozji ġodda. Dawn se jissemmew "Support to European Business in South East Asia Markets" (SEBSEAM) u se jiġu stabbiliti fl-Indoneżja, il-Malażja, il-Filippini u l-Vjetnam. It-tul taż-żmien tal-operat: 2013-2018.

Fl-2014, dawn l-azzjonijiet ta' appoġġ SEBSEAM se jiġu estiżi għall-Mjanmar, il-Kambodja u l-Laos. It-tul taż-żmien tal-operat: 2014-2020.

- It-tieni fażi tal-appoġġ tal-UE għaċ-**Ċentri tal-UE għall-SMEs fiċ-Ċina** se tiġi stabbilita wara sejħa għal proposti (EUR 6 miljun b'impenn mill-UE; kofinanzjament ta' EUR 1 miljun) - It-tul taż-żmien tal-operat: 2014-2019.
- L-istabbiliment tal-**Pjattaforma ta' Koordinazzjoni għall-Internazzjonalizzazzjoni tan-Negozji tal-UE**. Il-kuntratt tas-servizz se jingħata fl-2014 (EUR 1.3 miljun b'impenn mill-UE) - It-tul taż-żmien tal-operat: 2014-2019.

4. Missjonijiet għat-Tkabbir

Sabiex jingħata appoġġ lill-internazzjonalizzazzjoni u lill-kompetittività tal-SMEs tagħna, il-**Viċi President Tajani mexxa diversi Missjonijiet tal-UE għat-Tkabbir lejn pajjiżi terzi**. Dawn il-missjonijiet jappoġġaw l-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs f'pajjiżi terzi.

Il-Viċi President Antonio Tajani jivvjaġġa ma' gruppi ta' mexxejja ta' negozji u assoċjazzjonijiet industrijali lejn pajjiżi terzi. Dawn il-missjonijiet jiftħu l-biben għall-SMEs Ewropej, u jħalluk tiegħu sehem f'laqgħat politiċi mal-awtoritajiet, billi jorganizzaw laqgħat bejn in-negozji u tkun tista' tagħti hastra lejn l-ambjent amministrattiv u regolatorju ta' dawn il-pajjiżi.

Il-Missjonijiet għat-Tkabbir li jmiss se jsiru **fl-Unjoni Ewropea**. Il-Missjonijiet se jmorru **l-Belġju fit-18-19 ta' Frar, il-Greċja (10-11 ta' Marzu), l-Italja f'Marzu (Campania fit-13-14 ta' Marzu, Sqallija fis-27-28 ta' Marzu) u Spanja f'April (Andalucia fit-3 ta' April, Extremadura fl-4 ta' April)**. Il-missjonijiet internazzjonali jerġġu jibdedw wara dawn il-missjonijiet fl-UE. Skopri kif tista' tinvolvi ruħek fuq is-sit (http://ec.europa.eu/enterprise/initiatives/mission-growth/missions-for-growth/index_en.htm)

5. In-Netwerk tal-Organizzazzjonijiet Ewropej tan-Negozju (EBO)

In-**Netwerk Globali tal-EBO** (www.eboworldwidenetwork.eu) huwa l-uniku netwerk li jirrappreżenta l-interessi tan-negozji tal-UE kollha fil-Pajjiżi Terzi. In-netwerk jippromwovi l-iskambju tal-opinjoni bejn l-assoċjazzjonijiet u l-pajjiżi li jospitawhom. Għandu wkoll l-għan li jstabbilixxi relazzjonijiet aktar mill qrib bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u dawn l-organizzazzjonijiet, iqajjem kuxjenza dwar il-prijoritajiet u l-attivitajiet tal-politika tal-UE u jtejjeb l-aċċess għas-swieq għan-negozji Ewropej fil-pajjiżi terzi. Bħalissa n-netwerk EBO, li dejjem qiegħed jikber, jopera f'pajjiżi bħall-Brażil, iċ-Ċina u l-Istati Uniti tal-Amerika (fost ħa fna oħrajn).

6. Strumenti oħra li jappoġġaw l-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs

➤ EUREKA: Il-programm Eurostars

Joffri finanzjament għar-riċerka internazzjonali lill-SMEs Ewropej li jiddedikaw 10 % tal-introjt tagħhom, jew l-ekwivalenti għall-full time (FTE) totali għar-riċerka.

www.eurostars-eureka.eu

➤ Il-bażi tad-dejta dwar l-aċċess għas-swieq

Tagħti informazzjoni ewlenija lill-esportaturi tal-UE dwar it-tariffi applikati, il-formalitajiet tal-importazzjoni, l-istatistika u l-ostakli kummerċjali u tipprovdi l-possibbiltà li l-ostakli kummerċjali jiġu rrapurtati lill-Kummissjoni Ewropea.

<http://madb.europa.eu/madb/indexPubli.htm>

➤ It-Tassazzjoni u d-Dwana: il-bażijiet tad-dejta elettroniċi

Lista ta' kull bażi tad-dejta tal-Kummissjoni relatata mad-dwana u t-tassazzjoni http://ec.europa.eu/taxation_customs/common/databases/index_en.htm

➤ Strumenti għad-Difiża tan-Negozju - niżguraw kummerċ ġust għall-SMEs tal-UE

Skopri kif tipproteġi lill-SMEs kontra l-miżuri tad-difiża tan-negozju, inkluża l-importazzjoni ssussidjata jew bi prezz baxx minn pajjiżi li mhumiex membri tal-UE, u x'għandek tagħmel jekk SME li qed tesporta lejn pajjiż li mhux membru tal-UE qed tiġi affettwata minn antidumping, antisussidji jew miżuri ta' salvagwardja applikati minn dak il-pajjiż

http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2013/april/tradoc_151015.pdf

➤ Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ (Punt ta' Tagħrif)

Sabiex in-negozji ż-żgħar tal-UE jkunu jistgħu japprofittaw b'mod komplut mill-kummerċ internazzjonali, jinħtieġ li jitneħħew l-ostakli tekniċi mhux ġustifikati. Skopri aktar dwar dan l-istrument internazzjonali fuq il-websajt tiegħu.

<http://ec.europa.eu/enterprise/tbt/>

➤ Nippromwovv l-attivitajiet internazzjonali tal-SMEs

Din il-websajt tad-DĠ għall-Intrapriża u l-Industrija tal-Kummissjoni Ewropea għandha ħolqa għal lista ta' studji li jittrattaw l-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs. http://ec.europa.eu/enterprise/policies/sme/market-access/internationalisation/index_en.htm

➤ Lejn is-suq globali

Hemm opportunitajiet għad-ditti Ewropej żgħar lil hinn mis-Suq Uniku. Aqra aktar dwar l-aċċess għas-swieq, il-kompetizzjoni fis-suq globali u l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ. http://ec.europa.eu/enterprise/policies/international/index_mt.htm

➤ Understanding China

Understanding China j'ħarreġ lill-organizzazzjonijiet tan-negozju sabiex jgħinu lill-kumpaniji Ewropej jifhmu aħjar l-ekonomija Ċiniża u jkabbru l-kompetittività tagħhom f'dak is-suq. <http://www.understandingchina.eu/>

➤ **Iċ-Ċentru UE-Ġappun għall-Kooperazzjoni Industrijali**

Din l-organizzazzjoni tteġġeg l-iskambji tal-esperjenza u l-għarfien bejn in-negozji tal-UE u tal-Ġappun u jgħinhom itejbu l-kompetittività u l-kooperazzjoni tagħhom. <http://www.eu-japan.eu/>

➤ **In-negozju tal-UE fil-Ġappun**

Iċ-Ċentru UE-Ġappun eżamina aktar minn 1 600 ħolqa ta' infomazzjoni relatata mal-Ġappun u s-sejbiet tiegħu huma disponibbli għalik onlajn. Din il-websajt fiha diversi kapitoli li jkopru l-aspetti kollha ta' kif isir in-negozju fil-Ġappun jew miegħu.

<http://www.eubusinessinjapan.eu/>

- **Programm ta' Aċċess tal-UE - Opportunitajiet għall-Kumpaniji tal-UE fil-Ġappun u l-Korea**
Dan il-programm huwa għall-kumpaniji f'setturi speċifiċi li jridu jiżviluppaw kooperazzjoni ta' negozju mal-Ġappun u l-Korea. Jiffinanzja u jorganizza missjonijiet ta' negozju relatati mat-teknoloġija għolja u d-disinn f'dawn iż-żewġ pajjiżi.

<http://www.eu-gateway.eu/home>

➤ **Il-Programm ta' taħriġ eżekuttiv fil-Ġappun u l-Korea t'Isfel**

Għandu l-għan li jgħin lid-ditti Ewropej, inklużi l-SMEs, sabiex ikollhom suċċess fis-swieq Ġappuniżi u dawk tal-Korea t'Isfel. Joffri u jiffinanzja skema ta' taħriġ intensiv għall-eżekuttivi u jlaqqa' flimkien lekċers, taħriġ fil-lingwa u apprendistati.

<http://www.euetp.eu/>

➤ **Il-Portal Transatlantiku dwar l-IPR**

Din il-websajt tteġġeg lill-SMEs fuq iż-żewġ naħat tal-Atlantiku jużaw firxa wiesgħa ta' riżorsi dwar id-drittijiet tal-proprjetà intelletwali (IPR). http://ec.europa.eu/enterprise/initiatives/ipr/index_mt.htm

